**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum il-Hamis 29 ta` Settembru 2016**

**Kawza Nru. 4**
**Rik. Gur. Nru. 432/12 JZM**

**KPMG, socjeta` civili, u Tonio Zarb (ID 756956M), Joseph Schembri, Eric Muscat, Mark Bamber, David Caruana, Juanita Bencini, Anthony Pace, Andre Zarb, Pierre Portelli, Juanita Brockdorff, Hilary Galea Lauri, Noel Mizzi u Ray Azzoardi lkoll bhala socji fid-ditta civili KPMG**

***kontra***

**D.M. Holdings Limited (C-8404) u Desmond Mizzi (ID 465463M)**

**Il-Qorti :**

**I. <u>Preliminari</u>**

Rat ir-rikors guramentat prezentat bil-procedura sommarja specjali li jaqra hekk :–

*1. KPMG giet ingaggjata minn D.M. Holdings Limited u Desmond Mizzi sabiex trendi servizzi konsistenti f`servizzi professjonali u dan skont ittra ta` ngagg datata 30 ta` Gunju 2005 (kopja ta` liema tinsab annessa u mmarkata bhala Dokument "KPMG1") ;*

*2. Dawn is-servizzi gew rezi lill-intimati u qabel ma gie rrilaxxat il-valuation report gew mitluba l-hlas tal-ammonti dovuti ghal dawn is-servizzi skont l-istess ittra ta` ngagg (Dokument "KPMG1") ;*

*3. Kien f`dan l-istadju li l-intimati talbu ftit aktar zmien li gie koncess lilhom bil-kundizzjoni li jigi ffirmat il-ftehim, kopja ta` liema qed tigi annessa u mmarkata bhala Dokument "KPMG2", fejn l-intimati rrikonoxxew illi huma debituri in solidum a favur ta` KPMG fl-ammont cert, likwidu u dovut ta` Lm17,889, l-ekwivalenti llum ghal €41,670.16 ;*

*4. Dan l-ammont kellu jithallas fi zmien sitt xhur mid-data tal-ftehim u cioe` mis-26 ta` Jannar 2006, izda nonostante diversi interpellazzjonijiet ghall-hlas l-intimati baqghu inadempjenti ;*

*5. Fit-2 ta` Gunju 2010, ir-rikorrenti ntavolaw ittra ufficjali kontra l-intimati sabiex jitolbu l-hlas u ntimaw li fin-nuqqas li l-ammont jithallas huma kienu ser jiehdu passi ulterjuri kontra l-istess intimate ;*

*6. Nonostante li l-ittra ufficjali giet debitament notifikata, huma baqghu inadempjenti ;*

*7. L-ammont ta` €41,670.16 huwa llum dejn cert, likwidu u li ghalaq dovut mill-intimati lir-rikorrenti ;*

*8. Ir-rikorrenti huma tal-fehma li l-intimati m`ghandhomx eccezzjonijiet xi jressqu kontra s-segwenti talbiet ;*

*9. Tonio Zarb jikkonferma li huwa jaf il-fatti kollha suesposti personalment ;*

*10. Ighidu ghalhekk l-intimati ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex :-*

*a. tipprocedi ghas-sentenza skont it-talba tar-rikorrenti b`dispensa tas-smigh tal-kawza ai termini tal-artikolu 167 et seq tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta.*

*b. tiddikjara lill-intimati debituri favur ir-rikorrenti ghas-somma ta` €41,670.16.*

*c. tikkundanna lill-intimati, jew min minnhom, ihallsu lir-rikorrenti s-somma ta` €41,670.16.*

*Bl-ispejjez, u bl-imghax legali bir-rata stipulata skont il-Kodici tal-Kummerc u dan sa mis-27 ta` Lulju 2006 sad-data tal-pagament effettiv.*

Rat il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti.

Rat in-nota li pprezentaw il-konvenuti fl-4 ta` Lulju 2012 a tenur tal-Art 170(1) tal-Kap 12, kif ukoll id-dokumenti li kienu annessi.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti li kienet ammessa minn din il-Qorti diversament presjeduta li taqra hekk :–

*1. Preliminarjament l-esponenti ma ghandhom l-ebda relazzjoni guridika mal-atturi Joseph Schembri, Eric Muscat, Mark Bamber, David Caruana, Juanita Bencini, Anthony Pace, Andre Zarb, Pierre Portelli, Juanita Brockdorff, Hilary Galea Lauri, Noel Mizzi u Ray Azzopardi u ma ghandhom l-ebda relazzjoni mal-attur Tonio Zarb, kif dedotta, fir-rikors*

*mahluf u ghalhekk l-esponenti ghandhom jigu immedjatament liberati mill-osservanza tal-gudizzju fil-konfront tal-imsemmija atturi ;*

*2. Fil-mertu, it-talbiet tal-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigi michuda bl-ispejjez kollha kontra taghhom billi ma hemm l-ebda ammont cert, likwidu u dovut stante illi skont l-iskrittura illi fuqha l-atturi jsejsu t-talbiet taghhom l-ammont issa reklamat mill-atturi kontra l-esponenti huwa dovut "in conjunction with others" ;*

*3. Fil-mertu wkoll u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet tal-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra taghhom billi fl-ewwel lok, parti mis-servizzi moghtija mid-ditta KPMG ma kinux skont is-sengha u l-arti u lanqas kienu tal-livell professjonali mistenni u mehtieg tant illi parti minn xogholhom giet dikjarata ultra vires b`sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell nhar l-24 ta` Gunju, 2011 fl-atti tar-rikors mahluf bin-numru: 962/2006 fl-ismijiet "Desmond Mizzi et v. Dr Tonio Fenech et" (kopja ta` liema qeghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala "<u>Dokument DMX1</u>"), liema sentenza nghatat wara l-iffirmar tal-iskrittura illi fuqha l-atturi qegdin isejsu t-talbiet taghhom u fit-tieni lok billi, anke in segwitu ghal tali sentenza, id-ditta attrici KPMG baqghet ma ghamlitx ix-xoghol, ma rendietx is-servizzi miftiehma u sahansitra qeghda tirrifjuta li taghmel dan, liema agir qieghed izid id-dannu kkagunat lill-esponenti ;*

*4. Minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet tal-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra taghhom stante illi, id-ditta attrici KPMG giet inkarigata skont ftehim ta` nhar is-17 ta` Gunju, 2005 intitolat "Business Valuation and Division/Restructuring Agreement", kopja ta` liema qeghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala "<u>Dokument DMX2</u>", skont klawzola 4 ta` liema, id-ditta KPMG kellha tohrog kontijiet separati lill-esponenti u lill-partijiet l-ohra ghal dak il-ftehim. Dan il-fatt huwa rifless anke fl-iskrittura mertu ta` din il-kawza fejn l-istess skrittura tghid illi l-ammont issa reklamat mill-atturi kontra l-esponenti huwa dovut "in conjunction with others" u ghalhekk huwa car kristallin illi ma hemm l-ebda ammont, cert, likwidu u dovut mill-esponenti. Ghalhekk l-ammont mitlub mhuwiex dovut mill-esponenti lill-atturi jew min minnhom kif allegat ;*

*5. F`kull kaz, l-esponenti jissollevaw l-eccezzjoni tan-nullita` tal-iskrittura ta` nhar is-26 ta` Jannar, 2006 li fuqha l-atturi sejsu t-talbiet*

*taghhom billi l-kunsens tal-esponenti fuq l-istess skrittura gie karpit b`ghemil doluz da parti tad-ditta attrici KPMG u dana kif sejjer jirrizulta ampjament matul it-trattazzjoni tal-kawza ;*

*6. Salv risposta ulterjuri jekk ikun il-kaz;*

*Dwar il-fatti dikjarati fir-rikors mahluf tal-atturi, l-esponenti jirrilevaw illi :*

*1. B`referenza ghal dak illi jinghad fil-paragrafu bin-numru wiehed (1) tar-rikors mahluf, ghalkemm huwa minnu illi l-esponenti nkarigaw id-ditta attrici KPMG, dan l-inkarigu johrog mill-ftehim ta` nhar is-17 ta` Gunju, 2005 u kif jirrizulta kemm minn dak il-ftehim kif ukoll mill-ittra ta` ngagg imsemmija mill-atturi, id-ditta KPMG kienet giet inkarigata mhux biss mill-esponenti izda wkoll minn terzi mhux parti f`din il-kawza ;*

*2. B`referenza ghal dak illi jinghad fil-paragrafu numru tnejn (2), l-atturi ma jsemmux li s-servizzi moghtija mid-ditta KPMG ma kinux skont is-sengha u l-arti u lanqas kienu tal-livell professjonali mistenni u mehtieg tant illi parti minn xogholhom giet dikjarata ultra vires b`sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell nhar l-24 ta` Gunju, 2011 fl-atti tar-rikors mahluf bin-numru: 962/2006 fl-ismijiet "Desmond Mizzi et v. Dr Tonio Fenech et", liema sentenza nghatat wara l-iskrittura illi fuqha l-atturi qeghdin isejsu t-talbiet taghhom. Lanqas isemmu illi anke in segwitu ghal tali sentenza, id-ditta attrici KPMG baqghet ma ghamlitx ix-xoghol u ma rendietx is-servizzi miftiehma ;*

*3. B`referenza ghal dak illi jinghad fil-paragrafu bin-numru tlieta (3), l-atturi jonqsu jzidu li l-iskrittura li fuqha qeghdin isejsu l-kawza taghhom giet iffirmata zmien qabel ma l-Qorti tal-Appell iddikjarat parti mix-xoghol illi kienu ghamlu bhala ultra vires. Jonqsu jghidu wkoll illi s-servizzi li gew inkarigati jaghtu mhux talli gew ikkundannati b`sentenza tal-Qorti tal-Appell izda wkoll li mhumiex kompluti u anke wara l-imsemmija sentenza d-ditta attrici KPMG baqghet tirrifjuta li taghmel xogholha tant illi l-esponenti kellhom ghal darb` ohra jadixxu lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex l-istess ditta tigi kkundannata tkompli xogholha, liema kawza l-istess ditta qeghda tikkontesta. Din il-kawza giet ipprezentata nhar il-21 ta` Marzu, 2012 fl-ismijiet "Desmond Mizzi et v. Id-ditta KPMG et" ghandha n-numru 300/2012/JPG u tinsab differita ghal nhar it-22 ta` Ottubru, 2012 ;*

*4. B`referenza ghal dak illi jinghad fil-paragrafi bin-numri erbgha (4), hamsa (5) u sitta (6), l-esponenti ma jiftakrux li kien hemm diversi interpellazzjonijiet izda rcevew l-ittra ufficjali hemm imsemmija ;*

*5. B`referenza ghal dak illi jinghad fil-paragrafi bin-numri sebgha (7) u tmienja (8), l-esponenti jirrilevaw illi s-servizzi moghtija mid-ditta attrici ma nghatawx lill-esponenti wahedhom izda anke lil terzi mhux parti f`dawn il-proceduri u li ghalhekk ma hemm l-ebda dejn li huwa cert, likwidu u jew dovut. Apparti minn hekk, l-atturi, jafu sew illi l-esponenti ghandhom eccezzjonijiet x`jaghtu anke in vista tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati minnu u l-elenku tad-dokumenti.

**Rat il-verbal li ghamlu d-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-24 ta` April 2013 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta fejn qablu illi l-provi kollha (xhieda u dokumenti) li tressqu fil-kawza tal-lum u fil-kawza fl-ismijiet "Desmond Mizzi et vs Id-ditta KPMG et" (Rik. Gur. Nru. 300/12) ghandhom ighoddu ghat-tnejn.**

**Rat illi fl-udjenza tas-27 ta` Novembru 2013, din il-Qorti diversament presjeduta pprovdiet *inter alia* sabiex din il-kawza, il-kawza fl-ismijiet "Joseph Vincent sive` Jovan Mizzi et vs Dr Tonio Fenech et" (Rik. Gur. Nru. 158/13) u dik fl-ismijiet "Desmond Mizzi et vs Id-ditta KPMG et" (Rik. Gur. Nru. 300/12) jimxu flimkien billi huma konnessi, kif ukoll illi x-xiehda tal-atti ta` din il-kawza tkun tapplika wkoll ghaz-zewg kawzi l-ohra.**

**Rat illi fl-udjenza tat-3 ta` Marzu 2014, din il-Qorti diversament presjeduta pprovdiet illi x-xiehda li se tkun saret f`kull wahda mit-tliet kawzi tkun tghodd ukoll ghall-ohrajn.**

Rat il-provi li tressqu fil-kors ta` din il-kawza kif ukoll fiz-zewg kawzi l-ohra, <u>inkluz</u> it-traskrizzjoni ta` xiehda viva voce, xiehda bl-affidavit, u dokumenti.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet tal-partijiet.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet finali li saru fl-udjenza tal-24 ta` Novembru 2014 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta.

Rat id-digriet li tat din il-Qorti diversament presjeduta fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghas-26 ta` Marzu 2015.

**Rat id-digriet li tat din il-Qorti diversament presjeduta fl-udjenza tad-29 ta` April 2015 fejn astjeniet milli tkompli tisma` din il-kawza a tenur tal-Art 734(1)(e) tal-Kap 12.**

**Rat l-ordni moghti mill-Onor Prim` Imhallef fit-13 ta` Mejju 2015 fejn il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta.**

Rat id-digriet li tat fl-udjenza tad-19 ta` Ottubru 2015 fejn tat direzzjoni lill-partijiet sabiex jergghu jaghmlu sottomissjonijiet bil-fomm.

Semghet is-sottomissjonijiet tad-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-18 ta` Jannar 2016.

Rat id-digriet li tat fl-istess udjenza fejn halliet il-kawza ghas-sentenza.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. Generali : dwar il-provi

**Il-mertu ta` din il-kawza huwa l-pretensjoni tal-atturi li jithallsu minghand il-konvenuti ghal servizzi professjonali skont ittra ta` ingagg tat-30 ta` Gunju 2005. Ghalkemm din il-kawza hija miexja ma` zewg kawzi ohra, li l-Qorti rreferiet ghalihom aktar kmieni, fejn inghata provvediment illi l-provi ta` kull kawza jghoddu ghall-kawzi l-ohra, il-Qorti mhijiex sejra tirreferi ghall-kumpless ta`**

**provi li nstemghu fit-tliet kawzi ghall-fini tad-decizjoni fil-kawza tal-lum, izda sejra tirreferi ghal dawk mill-provi li huma relatati u attinenti mal-mertu ta` din il-kawza.**

## III. Gabra tax-xiehda rilevanti

**L-attur Tonio Zarb** xehed illi KPMG giet ingaggjata mill-konvenuti sabiex taghti servizzi professjonali skont ittra ta` ingagg datata 30 ta` Gunju 2005. Is-servizzi rikjesti kienu rezi. Qabel kien rilaxxjat il-*valuation report* talbu l-hlas tal-ammonti dovuti ghal dawk is-servizzi. F`dak l-istadju, il-konvenuti talbu aktar zmien. Kellu jigi ffirmat ftehim li bih il-konvenuti jirrikonoxxu li huma debituri *in solidum* a favur ta` KPMG ghall-ammont cert, likwidu u dovut ta` Lm 17,889. Dan l-ammont kellu jithallas fi zmien sitt xhur mid-data tal-ftehim ossija mis-26 ta` Jannar 2006 izda l-konvenuti baqghu inadempjenti. Saret ittra ufficjali segwita mill-kawza tal-lum billi l-hlas baqa` ma sarx.

Tonio Zarb jaghti sfond tal-kompetenzi professjonali tieghu. Ighid illi huwa kien mahtur membru tal-*valuation committee* skont il-*letter of engagement* tat-30 ta` Gunju 2005. Fl-ittra kien hemm il-kundizzjonijiet applikabbli ghall-inkarigu ta` KPMG. Ippreciza li l-inkarigu ta` KPMG kien regolat bil-*letter of engagement* u ghalkemm KPMG intrabtet li tipprovdi servizzi in konnessjoni mal-ftehim, hija ma kenitx parti ghall-ftehim. Il-hlas kien regolat bil-paragrafu 0 tal-*letter of engagement* li kien jaghmel ghall-Art 4 tal-*Business Valuation and Division/Restructuring Agreement* li kien iffirmat fis-17 ta` Gunju 2005.

Qal illi l-*valuation committee* lesta x-xoghol tal-valutazzjoni lejn l-ahhar ta` Jannar 2006. F`Settembru 2005, kien miftiehem ma` Desmond Mizzi fil-prezenza ta` Joseph Tabone u Dr Georg Sapiano li l-kontijiet mahruga mill-*valuation committee* kif ukoll minn terzi johorgu fl-isem ta` Mizzi Group Limited pero` kellhom jinkludi frazi b` referenza specifika ghal klawsola 4 tal-*Business Valuation and Division/Restructuring Agreement.*

Spjega li meta kien ser johrog ir-rapport u intalab il-hlas, kien hemm dubji kemm seta` jsir il-hlas. F`email tal-24 ta`Jannar 2006, Joseph Tabone irrikonoxxa t-thassib tal-*valuation committee*e u irrakkomanda li l-ahwa Mizzi jaghmlu kostituzzjoni ta` debitu flimkien ma` garanzija ipotekarja. KPMG accettat li ssir kostituzzjoni ta` debitu bhala koncessjoni. Din

intalbet miz-zewgt ahwa, izda Jovan Mizzi ma kienx lest jaccetta ; ghalhekk giet accettata dik li sareta minn Desmond Mizzi, DM Holdings Limited u Mizzi Group Ltd b` ipoteka fuq il-binja @240.

Kompla jghid illi x-xoghol li sar sal-mument meta kienet komunikata d-decizjoni fis-27 ta` Jannar 2006 kien jikkonsisti f`153 siegha xoghol li ghamel hu, 22 siegha xoghol li sar minn David Caruana, u 601.5 siegha ohra li saru minn impjegati ohra. Malli kienet ippubblikata d-decizjoni, inqalghet problema dwar l-*appendix* ossija *the property disposal mechanism*. Din il-problema ntemmet bid-decizjoni li tat il-Qorti tal-Appell fejn iddikjarat li dak l-*appendix* kien *ultra vires* u cahdet talbiet ohra li saru minn Desmond Mizzi dwar allegat agir hazin, abbuziv u negligenti.

Ippreciza li l-kawza tal-lum tirrigwarda hlas dovut ghal servizzi rezi sas-27 ta` Jannar 2006, ghal liema servizzi baqa` ma sarx hlas, minkejja l-ftehim tas-26 ta` Jannar 2006.

Dwar l-eccezzjonijiet, huwa xehed illi KPMG hija socjeta` civili. Mhijiex registrata skont it-Tieni Skeda tal-Kodici Civili. Ghalhekk ma ghandhiex personalita` guridika. Azzjoni trid tittiehed minn u kontra l-membri kontra l-membri kollha tad-ditta. Il-membri tad-ditta huma Joseph Schembri, Eric Muscat, Mark Bamber, David Caruana, Juanita Bencini, Anthony Pace, Andre Zarb, Pierre Portelli, Juanita Brockdorff, Hilary Galea Lauri, Noel Mizzi u Ray Azzopardi. Qal illi l-konvenuti huma responsabbli *in solidum* ghall-hlas tal-kont. Insista li l-Qorti tal-Appell sabet li parti mid-decizjoni tal-*valuation committee* kienet *ultra vires* mhux li kien hemm xi nuqqas da parti tal-membri tal-*valuation committee*. Spjega li r-raba` eccezzjoni hija ntiza sabiex tizvija lill-Qorti peress li l-klawsola 4 tal-ftehim ma tghidx li KPMG kellha tohrog kontijiet separati liz-zewg nahat. Skont dik il-klawsola, l-ahwa Mizzi kienu responsabbli *in solidum* ghall-hlas. Internament imbaghad bejniethom l-ahwa kellhom jaqsmu l-hlas tal-mizati. KPMG kellha dritt li tezigi l-hlas qabel ma tiffirma d-decizjoni. Kienet biss koncessjoni li kien accettat li l-hlas ma jsirx fil-pront. Finalment stqarr illi kienet offensive ghall-ahhar l-allegazzjoni illi l-kunsens ta` Desmond Mizzi kien karpit b`ghemil doluz.

Fil-**kontroezami**, huwa xehed illi l-ahwa Mizzi kienu ilhom jiddiskutu bejniethom. Huwa ma kienx involut fit-tfassil tal-ftehim fis-sens li huwa ma kienx parti mill-ftehim. Kien prezenti ghal zewg laqghat fejn il-ftehim gie diskuss izda imbaghad kien rega` nbidel. Huwa kien jigi kkopjat b`

korrispondenza relatata ma` l-abbozz tal-ftehim ; u kien anke ssugerixxa xi zewg affarijiet. It-tfassil ta` l-abbozz ma kienx kompitu ta` KPMG. Huwa kien ikkonsultat izda ma kienx involut fl-abbozzar tal-ftehim. Billi Mizzi Group Limited kienet ghadha taz-zewgt ahwa, il-kontijiet kienu jintbaghtu lil Mizzi Group Limited. Iz-zewgt ahwa kellhom fl-ahhar mill-ahhar ihallsu l-kont. Desmond Mizzi kien hallas anke sehem huh u ghalhekk fl-ekwiparazzjoni, ossija fl-ammont li huh kellu jaghti lil Desmond Mizzi kellu jittiehed dak il-hlas in konsiderazzjoni. Fil-konkluzjoni, kienet ikkalkolata s-somma ta` Lm 32,000 bhala *post cut off amount*. Ikkonferma li l-mizati tal-*valuation committee* huma zgur parti mill-*post cut off date*. Il-*post cut off amount* hija parti mill-ekwiparazzjoni. Is-somma ta` Lm 32,000 tikkomprendi nofs il-mizati li Desmond Mizzi hallas lil KPMG, u li suppost thallsu wkoll minn Jovan Mizzi.

Stqarr illi bejn wiehed u iehor kienu utilizzati mhux inqas minn 20 siegha u mhux izjed minn 30 siegha sabiex sar l-appendici. In-naha ta` Desmond Mizzi ma kinitx qablet ma` l-*appendix* u wiehed mill-membri tal-*valuation committee* kellu jibdel il-fehma tieghu dwar l-*appendix*. Huwa u Dr Fenech zammew ferm dwar l-appendici. Spjega li Jovan Mizzi accetta ir-rapport fl-intier tieghu b`mod formali. Wara d-decizjoni tal-Qorti tal-Appell kien hemm komunikazzjonijiet informali bejn il-membri tal-*valuation committee* u kienet skambjata korrispondenza mal-partijiet. KPMG kienet tal-fehma illi ma kenitx ghadha tgawdi mill-fiducja tal-partijiet u talbet li tkun sostwita. KPMG insistiet li l-financial statements tal-kumpanija jigu aggornati u awditjati. Kien hemm insistenza dwar koperazzjoni anke fir-rigward tat-taxxa li kienet pendenti. Dawn il-materji ma kienux gew indirizzati u huma baqghu jistennew li jigu risposti minghand l-ahwa Mizzi qabel jitkompla l-inkariku. Fil-bidu z-zewgt ahwa kellhom fiducja shiha f` KPMG u kienu jikkoperaw. In segwitu KPMG zammet l-inkarigu bil-kondizzjoni fost ohrajn li jkun hemm koperazzjoni mill-ahwa Mizzi.

Stqarr illi l-ahwa Mizzi hatru l-*valuation committee* ghaliex kienu ilhom zmien biex isibu soluzzjoni u ma rnexxielhomx. Il-*valuation committee* inghata prokura sabiex tintuza f`certi cirkostanzi. KPMG ma xtaqux ikomplu bil-process qabel ma jigu ccarati certa hwejjeg bhall-hlas tal-mizati, il-minaccja ta` passi legali, u l-allegazzjoni li kien hemm negligenza jew atti ta` parzjalita`. Kien hemm ukoll l-ittra li kien baghat Dr Simon Tortell fejn iddikjara li Jovan Mizzi ma kienx qed jaqbel mal-valutazzjoni li saret u ghalhekk kien jidher li kien ghad hemm problemi kbar biex jitwettaq l-inkarigu. KPMG talbet ukoll aktar informazzjoni dwar Mizzi Group u dwar il-kumpanniji fejn kienet qeghda ssir il-qasma.

Kompla jghid illi kien hemm kuntatt bejn il-membri tal-*valuation committee* izda dejjem b` mod informali. Steve Orton kien ukoll ha l-inizjattiva sabiex isiru laqghat. Huwa spjega li Orton ried imexxi u Dr Fenech ried imexxi izda taht certi kundizzjonijiet. Fil-laqgha nformali, ma kinitx instabet pozizzjoni komuni bejn it-tliet membri tal-kumitat.

Stqarr illi kienu kkonsidrawha li jirrizenjaw izda kienu jafu li kienet difficli ghall-partijiet biex isibu sostitut. Bhala fatt huma ma kienux ghadhom irrizenjaw mill-inkarigu. Bhala fatt, il-kumpanniji kienu qeghdin joperaw separatament. Qal illi l-Kodici ta` Etika tal-Accountants kien jipprojbixxi li jitkompla inkarigu meta jkun hemm theddida ta` kawza. Sahaq illi kien hemm theddid cara li ssir kawza fl-ittra li baghat l-avukat ta` Jovan Mizzi. Saret ukoll kawza fejn kien allegat li huma kienet hatja ta` *gross negligence.*

Qal illi KPMG kienet fil-pozizzjoni li setghet tghin lill-partijiet li kieku dawn ikkoperaw. KPMG ikkomunikat mal-partijiet izda qatt ma saret laqgha biex tipprova twassalhom.

Stqarr illi jekk kienet ix-xewqa li huma jinbidlu, ma kinitx ser tkun problema ghalihom li jirtiraw mill-inkarigu izda jekk kellhom ikomplu, kellhom jitqeghdu fil-pozizzjoni li jkunu jistghu jepletaw l-inkarigu taghhom b`serenita.

Insista li wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell huma kienu baghtu ittra fis-sens illi kienu lesti jkomplu bl-inkarigu jekk jithallsu.

Qal illi trid issir distinzjoni *pre-cut off date* u l-*post cut off date* ai termini tal-ftehim bejn l-ahwa tal-2005. Kienu valutati l-proprjetajiet, l-assi l-ohra u d-djun. Kien ukoll stabbilit kemm wiehed mill-ahwa kellu jaghti lill-iehor. Il-kumitat hareg ukoll b`mekkanizmu li kien jaghti l-opportunita` li l-valur tal-propjetajiet jigi stabbilit mis-suq. Il-mekkanizmu kien dikjarat *ultra vires* bis-sentenza tal-Qorti ta` l-Appell.

Sostna li l-*valuation committee* ma ddecieda xejn peress li ma regghux iltaqghu. Izda fil-fehma tieghu l-ittra li baghat Dr Simon Tortell kellha tmur ukoll ghand il-periti ghal kummenti taghhom.

Qal illi l-informazzjoni dejjem intalbet lil Joseph Tabone, mhux lill-ahwa Mizzi. L-uniku kuntatt dirett kien fejn kienu qed jaghmlu xi punti z-zewg nahat.

**<u>Il-konvenut Desmond Mizzi</u>** xehed illi fis-17 ta` Gunju 2005 huwa ffirma ftehim li permezz tieghu kien appuntat *valuation committee.* Sar dan il-ftehim peress li qabel fl-2001 hu u huh Jovan Mizzi kienu ghamlu ftehim li pero` qatt ma kien attwat. Fil-ftehim ta` Gunju 2005 kien hemm diversi kundizzjonijiet fosthom li d-decizjoni tal-*valuation committee* ma setghetx tigi kkontestata u li kellha tinghata prokura rrevokabbli lil *valuation committee.* Huwa ffirma *letter of engagement* ta` KPMG ghax kellu fiducja fihom. Lanqas ma kellu l-oggezzjoni li jiffirma kostituzzjoni ta` debitu a favur ta` KPMG peress li Tonio Zarb kien assigurah li x-xoghol tal-kumitat kien finalizzat u lest biex jigi pprezentat. Il-kostituzzjoni tad-debitu kellha terminu ghall-hlas ta` sitt xhur billi d-divizjoni kienet imminenti li ssir. Huwa ha hsieb jaghmel l-arrangamenti necessarji mal-bank.

Kompla jixhed illi skont l-iskema ta` divizjoni, huwa kellu jircievi ekwiparazzjoni fl-ammont ta` Lm 209,000, kif ukoll Lm 32,000 ghall-*post cut off date.* Il-*valuation committee* u KPMG kienu responsabbli li jissodisfaw l-inkarigu taghhom anke minghajr l-involviment tieghu u ta` huh.

Stqarr illi fil-kawza tal-lum kien qed jintalab il-hlas ghal xoghol li parti minnu kien dikjarat *ultra vires* b`sentenza tal-Qorti tal-Appell. Insista li l-kumpanniji formanti parti minn Mizzi Group ma baqghux joperaw minhabba n-nuqqasijiet ta` KPMG. Huwa spicca kellu jerga` jixtri l-proprjeta` 240 u kellu jbiegh il-proprjeta` tieghu. Kellu wkoll jibda n-negozju tieghu mill-bidu. Wara s-sentenza tal-Qorti ta` l-Appell, KPMG irrifjutat li tkompli bl-inkarigu taghha. In-negozju tieghu kien kollu gdid u frott il-hidma tieghu.

Fisser illi l-hlas lil KPMG kellu jsir minnu, minn DM Holdings Limited, minn Jovan Mizzi u minn Unitrade Limited. Waqt laqgha, Tonio Zarb kien insista li l-kontijiet ikunu fuq ismu personalment u huwa gie f` sitwazzjoni li kellu jaccetta dan peress li Zarb kien se jirrizenja. Meta sar dan id-diskors, huwa ma kienx assistit. Jovan Mizzi kien sostna ma` Zarb u ma` Dr Fenech li huwa ma kellux flus.

Qal illi min-naha tieghu huwa kien ha l-parti tal-kumpannija li taghmel negozju, b`overdraft ta` Lm 487,000, li minnu kien hemm Lm 187,000 kienu *over the limit.* Kellu xi jhallas b`lura mas-Lm 60,000 f`kontribuzzjonijiet tas-sigurta` socjali kif ukoll hlas dovut ta` Lm 140,000 bhala VAT.

Qal illi meta ffirma l-kostituzzjoni ta` debitu, dan ghamlu fuq parir ta` Joseph Tabone. Dak iz-zmien kellu zewg *sanction letters* mill-bank izda dawn gew irtirati billi d-divizjoni baqghet qatt ma sehhet. Spicca li kellu jiehu self personali mill-Barclays Bank fuq id-dar tieghu biex hallas il-kontribuzzjonijiet tas-sigurta` socjali u l-VAT. Kienu nkorrew ukoll diversi multi u penali.

Kompla jixhed illi ma kienx minnu li l-kumpanniji baqghu ghaddejjin. Fil-fatt il-kumpanniji kollha sfaxxaw peress li l-proprjeta` li ried qatt ma giet f` ismu u ghalhekk ma kellux x` jaghmel tajjeb mal-bank. Li kieku thallas l-ekwiparazzjoni ta` LM 209,000, huwa kien ta` l-anqas ikollu biex jahdem. Qal illi impossibbli li jikseb *financial statements* iffirmati minn Jovan Mizzi.

**<u>Fil-kontroezami</u>**, il-konvenut xehed li meta KPMG inkarigaw lil Joseph Tabone biex jaghti d-dettalji lil TBA Periti, dan tahom il-pjanti ta` Millennia mahruga mill-MEPA, il-kuntratti tal-kera li kien hemm ma` GO Mobile, mat-Tax Compliance Unit, u mal-Malta Resources Authority. Anke ghar-rigward tat-240, Joseph Tabone kien tahom il-pjanti, kif ukoll il-kuntratti li kien hemm ezistenti.

Qal illi kien il-*valuation committee* li ghazel lill-Perit Torpiano. Huwa sar jaf bil-hatra minn ittra li rcieva minghand il-KPMG ghan-nom tal-*valuation committee.* Dwar ix-xoghol ta` TBA Periti, stqarr illi meta jqis il-kalkoli li ghamlu relattiv ghad-dhul mill-kera, mal-kalkoli li ghamel Jovan Mizzi, imbaghad jikkomparahom mal-valuri li effettivament ircieva Jovan Mizzi, jirrizulta li dawn ta` l-ahhar huma aktar milli kien dikjarat minn TBA. Huwa spjega li fit-tender tal-MRA, hemm imnizzel li dawn huma *VAT exempt.* Spjega li Jovan Mizzi kien qed jipprova jikri sular wiehed ghal ghaxar snin ghal valur li bih ried jixtri l-blokka kollha.

Qal illi Jovan Mizzi kien talbu li jonqos il-prezz ta` l-ekwiparazzjoni li saret mill-*valuation committee.* Kien offrielu kirja tat-tieni sular, fis-sens li

Jovan Mizzi offrielu l-kirja ghal 15-il sena, izda fil-kaz li ma tkomplix il-kirja, huwa ma jkollu d-dritt li jista` jerga` jikri l-proprejta`.

Stqarr illi fir-rapport ta` TBA, l-atrium tal-Millennia ma kienx valutat waqt li l-atrium tat-240 kien stmat 10%. Fl-istess waqt huwa ddikjara li kien ser joqghod fuq l-istima ta` TBA.

Fisser illi l-istocks kienu assenjati fil-lot tieghu ghal valur ta` Lm 280,000. Kien hemm hafna affarijiet mhux ta` valur li ma kinux imsemmija. Kompla jghid li huwa kien lest li lil huh jaghtih 60% tal-valur izda l-iehor ma kienx accetta.

Kompla jixhed illi Vodafone kienet lesta tixtri l-Millennia ghal Lm 2.7 miljun. Jovan Mizzi qallu biex ma jindahalx peress li Millennia kienet fil-lot tieghu. Kien anke sab il-kirja tal-groundfloor izda huh kien sostna li kien ghaddej b`diskussjonijiet dwar dik il-kirja. Huh kien akkuzah li kien seraq meta xtara l-fond 240 b`subbasta.

Qal illi meta hareg ir-rapport, Jovan Mizzi ma kienx ilmenta li mhux jaqbel ma` l-valuri. Fl-istess waqt huh qatt ma accetta l-iskema ta` divizjoni. Il-mekkanizmu li hareg bih il-*valuation committee* ma kienx qabel mieghu peress li huwa ried ta` l-inqas li jinghata *the right of first refusal.* Qal illi jekk tassew Millennia kienet tiswa biss Lm 1.4 miljun kif ighid Jovan Mizzi, huwa kien lest li jixtriha hu.

Qal illi Jovan Mizzi kien akkuzah li dahhlu fil-kostituzzjoni ta` debitu mal-bank fejn hu gie mgieghel ihallas l-interessi ghalih. Huwa spjega li kien ircieva email fis-17 ta` Gunju 2006 mnejn jirrizulta li kien hemm qbil li ssir il-kostituzzjoni ta` debitu.

Spjega illi ghalih in-negozji kellhom jigu segregati biex ikun hemm aktar kontroll, izda dan qatt ma sehh. Mizzi Contracting qatt ma ssemmiet ghaliex ma kellhiex valur billi qatt ma ghamlet negozju. Kien ha diversi self bankarji u anke biegh id-dar tieghu sabiex b`hekk seta` jigi surrogat fid-drittijiet tal-HSBC halli ikun jista` jixtri *animo compensandi* l-proprjeta` 240. Meta fl-2001 huwa kien ser jiehu l-Millennia u t-*trading companies* filwaqt li Jovan Mizzi kien ser jiehu t-240, dan kien insista li jiehu 240 libera u franka minn kollox, u minghajr impjegati. Dak iz-zmien Millennia kellha nkwilin

wiehed (mhux tnejn). Kien hemm problemi enormi fil-kumpanniji. Ma kienx hemm stocktaking sew u huwa sar jaf li l-istocks kienu hafna anqas milli kien jghid Jovan Mizzi dak iz-zmien. F`dik l-epoka, Millennia kienet gie stmat Lm 1.7 miljun, u Jovan Mizzi kien sostna li dak kien prezz baxx. Fit-30 ta` Marzu 2005, huh kien insista li jekk kellu jsir bejgh malajr, Millennia kellha tinbiegh ghall-prezz ta` bejn Lm 2.5 miljun u Lm 3 miljuni.

Stqarr illi fl-istess zmien Jovan Mizzi kien qal li kien lest li 240 tinbiegh ghal Lm 700,000 imma kien jaccetta ghal Lm 600,000. Ikkonferma li fil-*valuation and restructuring agreement*, il-klawsola 18 tistipola li jekk ikun hemm kontestazzjoni, ikun hemm konsegwenzi. Meta huwa ma qabilx mal-mekkanizmu propost mill-*valuation committee*, huwa ma kellux il-klawsola 18 kontra tieghu. Dik il-klawsola qatt ma giet attwata kontra tieghu ghalkemm kien hemm tentattiv min-naha tal-Av. Simon Tortell li pero` ma kienx irnexxa. Fil-verita` l-*valuation committee* hareg bil-mekkanizmu biex jippruva jakkomoda lil Jovan Mizzi li ma kienx kuntent bl-ammonti u kien qed jaghmel pressjoni kbira. Huwa inghata kopja tar-rapport waqt li kienet ghaddejja l-kawza li kien ipprezenta kontra l-*valuation committee.*

Qal illi kien biss f`okkazjoni wahda li kien mitlub jaghti inormazzjoni lil *valuation committee.* Kien issejjah jattendi laqgha fl-ufficju ta` KPMG l-Pieta u kien mistoqsi jghid x`futur kien qed jara ghan-negozju ta`dawk l-assi li kien ser jiehu hu. Fil-fehma tieghu, ix-xejra kienet tpendi lejn il-posittiv. Din il-laqgha saret qabel hareg ir-rapport. Joseph Tabone kien persuna ndipendenti mill-ahwa.

**Steve Orton** xehed illi huwa kellu negozju fir-Renju Unit ta` l-esportazzjoni ta` antikitajiet. Kien fl-ambitu ta` dak in-negozju li ltaqa` mal-familja Mizzi. Ghalkemm in-negozju tal-ahwa Mizzi kien kiber, huma kellhom interessi differenti. Fl-2001 huma riedu jaqsmu u talbu l-ghajnuna tieghu. Ma waslux u fl-2005, kien attenda laqgha flimkien ma` l-ahwa Mizzi, missierhom, Joseph Tabone u Dr Tonio Fenech fejn sar ftehim u kien iffirmat. In segwitu kien abbozzat ftehim aktar dettaljat mhux fuq karta wahda kif kien l-iehor. Kien mitlub sabiex bhala habib tal-familja jkun fuq *valuation committee* flimkien ma` avukat u awditur. Huwa accetta li joqghod fuq il-kumitat minghajr ma jircievi hlas hlief ghar-rimbors ta` spejjez li kien ser jinkorri billi kien jghix fl-Ingilterra.

Spjega li saru diversi laqghat sakemm lejn l-ahhar ta` Dicembru 2005 ix-xoghol kien lest u kien diskuss l-*appendix.* Dak iz-zmien kien qieghed l-

Awstralja ; u meta kellu l-okkazjoni jaqra l-*appendix*, innota mill-ewwel li dan kien imur barra mill-parametri tal-inkarigu tal-*valuation committee*. Anke l-ahwa Mizzi kienu ghamlu kuntatt mieghu bit-telefon fejn infurmawh li ma kinux jaqblu ma` l-*appendix*. Huwa talab lil membri l-ohra biex l-*appendix* jithalla *pending* izda dawn irrifjutaw. Il-konsegwenza kienet illi saret kawza fejn b`sentenza tal-Qorti tal-Appell il-procedura kienet dikjarata *ultra vires*. Huwa kien ipprova jwassal lill-ahwa Mizzi ghal ftehim matul il-pendenza ta` dik il-kawza izda t-tentattiv tieghu ma kienx irnexxa. Wara s-sentenza tal-Qorti ta` l-Appell, huwa sejjah laqgha tal-*valuation committee*, izda meta sehhet, il-membri l-ohra infurmawh li din il-laqgha kienet wahda mhux ufficjali u mhux tal-*valuation committee*. Ma kenitx ufficjali ghaliex, kif kien infurmat, Dr Simon Tortell kien kiteb ittra b`minaccji ; fl-istess waqt KPMG ma kinitx disposta tkompli bis-servizzi taghha sakemm tithallas. Ma regghux saru laqghat. Is-sitwazzjoni kienet ta` detriment ghaz-zewgt ahwa. Dr Fenech kien jidher dispost ikompli bl-inkarigu, bl-intiza li jithallas tax-xoghol tieghu. Kienu saru zewg laqghat straordinarji. Huwa biss attenda ghat-tieni laqgha. Qal illi huwa kien ghadu dispost jikkonkludi l-inkarigu tieghu.

**<u>Gabrielle Mizzi</u>**, mart Jovan Mizzi, xehdet illi hija direttrici ta` Unitrade Ltd. Ma kinitx involuta fl-ghazla tal-membri tal-*valuation committee* ; lanqas fl-involviment ta` KPMG, ghalkemm kienet taf li KPMG kienet fdata bl-ezercizzju ta` valutazzjoni. Ma kenitx kuntenta u sodisfatta bil-valutazzjoni ta` KPMG. Ma kinitx involuta fl-ghazla ta` TBA periti. Saret taf bihom meta kien prezentat ir-rapport taghhom. Bir-rapport TBA kellhom jivvalutaw 240 Zabbar Road Fgura u Millennia l-Marsa. Zewgha kien preokkupat li ma kienx jintalab jaghti informazzjoni minn KPMG. Zewgha ma kienx sodisfatt bil-valutazzjoni ta` TBA. Zewgha kien kiseb stimi rilaxxjati minn estate agents li ghadda lil KPMG. Hija rat dawn l-istimi. KPMG ibbazat ruhha fuq informazzjoni zbaljata li taha Joseph Tabone. Hija qatt ma tkellmet ma` KPMG jew ma` TBA Periti.

**<u>Jovan Mizzi</u>** xehed illi huwa kien jaqbel mas-sentenza tal-Qorti tal-Appell. Ghalkemm huwa accetta l-hatra ta` TBA Periti, huwa kkontesta l-konkluzjonijiet taghhom minhabba l-izbalji li hadu frott ta` xoghol hazin. Huwa pprezenta kawza ad hoc ghal dan l-iskop. Kompla jghid illi huwa kien maqtugh barra mill-process tal-informazzjoni tant li Joseph Tabone kien jibghat l-emails lil KPMG u lil TBA b`kopja lil Desmond Mizzi biss. Huwa stieden lil KPMG biex jintroducuh ma` TBA izda ma kellux risposta.

Xehed illi l-*valuation committee* hareg l-abbozz tal-scheme of division. Meta nghata l-informazzjoni, huwa informa lil KPMG li sar zball kbir u li ried li l-esperti jirrimedjaw ghall-izball. Semma CD li suppost kellu fih informazzjoni dwar l-istock tal-antiques. L-informazzjoni pero` ma kenitx kompleta. Huwa avza b`dan lil KPMG. L-eskluzjoni ta` diversi items of stock kienu jlahhqu aktar minn Lm 40,000.

Ighid illi matul il-process ta` valutazzjoni Joseph Tabone xaqleb kjarament favur Desmond Mizzi. Fil-fatt Joseph Tabone kien rikonoxxjut mill-membri tal-*valuation committee* bhala rapprezentat ta` Desmond Mizzi. Matul il-process ta` valutazzjoni, huwa kien informa lil KPMG bil-miktub li Tabone ma kienx jirrapprezenta l-interessi tieghu u li KPMG kienu obbligati skont it-termini tal-*business valuation and restructuring agreement* li jqisu l-opinjoni tieghu direttament. Mhuwiex minnu li huwa gie nfurmat b`komunikazzjoni bejn Joseph Tabone u TBA qabel l-2007 ghax sar konxju ta` dawn il-komunikazzjonijiet fit-30 ta` Lulju 2007 matul il-procediment ta` l-arbitragg Nru 823/2006. Kien moghti access ghall-informazzjoni fl-1 ta` Ottubru 2007 permezz ta` email minn Joseph Tabone.

**Joseph Tabone** xehed illi huwa ma ghadux impjegat ma` Desmond Mizzi jew tal-kumpanniji. Irrizenja ghal kollox fl-ahhar tal-2012. Huwa kien inhatar bhala direttur ta` D.M Holdings Limited fil-bidu ta` l-2012 izda imbaghad kien irrizenja fl-istess sena minn xoghol relatat ma` 240 limited. Wara l-2012 l-uniku nvolviment tieghu kien dak ta` direttur ta` D.M. Holdings Limited u ta` direttur ta` Mizzi Group Limited. Huwa kien irrizenja minn financial controller ta` Mizzi Group Limited fl-2007. Mizzi Group Limited kienet *de facto* waqfet jopera minn Marzu 2005. Huwa kellu hafna xoghol relatat mal-*valuation committee.*

Qal illi fl-2006 kienet kostitwita socjeta` ghal Desmond Mizzi bl-isem ta` 240 Limited. Ghamel zmien direttur taghha flimkien ma` Desmond Mizzi. Meta sar il-ftehim bejn l-ahwa Mizzi fl-2005, Jovan Mizzi ha l-operat tal-proprjeta` Millennia filwaqt li Desmond Mizzi ha n-negozju tal-grupp. Desmond Mizzi kien beda jopera dan in-negozju b` mod immedjat. In-negozju beda jitmexxa minn 240 Limited. Meta Desmond Mizzi telaq ghal rasu, huwa kien segwih.

Fisser illi Jovan Mizzi kien iffirma ftehim fl-2001 sabiex ma jibqax jippartecipa fl-operat ta` Mizzi Group Limited. Wara Marzu 2005, l-introjtu minn Millennia beda jmur favur Jovan Mizzi waqt li l-introjtu min-negozji l-

ohra beda jmur ghand Desmond Mizzi. Millennia kienet fil-pussess ta` Jovan Mizzi u Desmond Mizzi ha l-istocks li sussegwentement inbieghu. Wara l-2005 l-ebda wahda mill-kumpanniji ta` Mizzi Group Limited ma approvat accounts. Kienu saru abbozzi izda ma gewx approvati.

Stqarr illi Desmond Mizzi akkwista l-proprjeta` maghrufa bhala 240 fi proceduri ta` subbasta. Spjega li kien hemm dejn ta` Millennia Limited imma Mizzi Group kienet qed taghmel tajjeb ghal dak id-dejn bil-proprjeta` taghha li kienet 240. Din il-propjeta` tal-ahhar kienet tappartjeni lil Mizzi Group Limited. Desmond Mizzi kien dahal fiz-zarbun tal-bank permezz ta` surroga. Kollox sar skont kuntratt tat-18 ta` Mejju 2010. Desmond Mizzi ghamel offerta ta` €900,001 *animo compensandi* u l-fond kien liberat favur tieghu.

Xehed illi l-proprjeta` li nbieghet b`subbasta kienet tal-kumpannija Mizzi Group. Dik il-proprjeta kienet giet assenjata lil Desmond Mizzi skont il-ftehim ta` bejn l-ahwa tal-2005. Desmond Mizzi kien biegh id-dar tieghu biex ikun jista` jixtri dik il-propjeta`. Attwalment il-propjeta` inkriet f`partijiet. Fil-binja kien hemm stock ta` Desmond Mizzi.

Qal illi skont il-ftehim tal-2005 Desmond Mizzi kellu jiehu t-trading kollu tal-grupp inkluza Mizzi Contracting Limited.

Fisser illi huwa baqa` financial controller ta` Mizzi Group Limited sal-2007.

Spjega li skont il-hames artikolu tal-ftehim, il-*valuation committee* kellu diskrezzjoni li jistaqsi lil min irid hug hall-informazzjoni. Il-grupp kien kompost minn diversi kumpanniji li kellhom negozju varjat. Fl-2005 kien hemm xi kumpanniji fosthom Mizzi Home Furnishings u Mizzi Contracting li ma kinux qed joperaw.

Qal illi s-socjeta` All Fix Limited kienet topera fir-restawr ta` antikitajiet u fix-xoghol tat-*turf*. Qabel l-2006 il-progetti tat-*turf* kienet tiehu hsiebhom Mizzi Group.

Sostna illi huwa ghadda lil KPMG l-informazzjoni dwar in-negozju kollu li kien isir mill-Mizzi Group. Meta kien jaghti l-informazzjoni lil

*valuation committee* jew KPMG, il-*contact person* kien David Pace, l-*accountant* li jahdem ma` KPMG. Meta kien jaghti l-informazzjoni, kien javza lill-*valuation committee.* Huwa ma kienx jinforma lil Desmond Mizzi bl-informazzjoni li kien qed jaghti izda meta kienu ser jigu jghoddu l-istock, huwa kellu jinforma lil Desmond Mizzi.

Xehed dwar l-allegazzjoni li thallew xi stocks barra. Sostna li kien Jovan Mizzi li kien idahhal l-informazzjoni kollha fid-database. Huwa ghamel l-almu tieghu li kollox ikun inkluz. Qabel ghadda ic-CD lil KPMG, huwa kien baghat email lil Jovan Mizzi fejn talbu ghal darbtejn biex iduru l-files izda dan kien qallu li ma setax. Il-*contact persons* ta` TBA Periti kienu Professur Torpiano u l-Perit Stivala. Huwa tahom kopji tal-pjanti tal-Millennia mahruga mill-MEPA. Il-pjanti ta` 240 Limited baghathom bil-posta. Huwa ghadda l-informazzjoni li kien mitlub. Qalilhom li l-perit inkarikat mill-bini tal-Millennia kien il-Perit Martin Farrugia u li ghalhekk setghu jaghmlu kuntatt mieghu direttament.

**<u>Perit Professur Alex Torpiano</u>** xehed illi r-rapport ta` TBA Periti nghata lil *valuation committee* peress li l-inkarigu taghhom gie minghandhom. Huwa qatt ma` ltaqa` ma` l-ahwa Mizzi. Huwa zar proprjetajiet mal-Perit Stivala u flimkien iddiskutew certa assunzjonijiet. Huwa ha konjizzjoni tal-kalkoli li kienu saru mill-Perit Stivala. Iltaqa` ma` Joseph Tabone li kien jghaddilhom l-informazzjoni. Sar jaf bl-istima ta` Frank Salt wara li lestew l-inkariku taghhom. Jaf li kien hemm xi kirijiet li kienu kwazi waslu biex jaghlqu.

Stqarr illi l-inkarigu ma kienx li jinstab capital value ghall-Millennia izda li ssir stima ta` z-zewg proprjetajiet u cioe` dik tal-Fgura u l-ohra tal-Marsa. Billi z-zewg proprjetajiet kienu differenti, kien importanti hafna li jittiehdu kriterju komuni biex tkun tista` titqabbel propjeta` mal-ohra ladarba l-iskop tal-inkariku kien li jaslu ghal divizjoni.

Qal illi l-istima kienet dik ta` *open market value* jew *fair value*, izda hemm diversi metodi kif din issir. Fil-kaz tal-lum, il-proprjeta` kienet qeghda tigi valutata ghal divizjoni u cioe` ghal trasferiment ta` proprjeta`.

Fil-kaz tal-Millennia, fisser illi d-discount rate ipatti ghall-fatt li ma hemmx 100% *occupancy.* Huwa kkonferma li xorta nghata valur lil basement minkejja li dan kellu problema ta` ingress ta` ilma. Spjega li kellhom

informazzjoni li kien hemm offerta ta` kirja mill-Maltacom kemm ghall-ufficini kif ukoll ghall-basement.

Stqarr illi huma kienu konservattivi fil-kalkoli taghhom.

Qal illi l-fatt li ma avvicinax estate agents ma jfissirx li ma kellux informazzjoni dwar il-valuri tal-bejgh.

Stqarr illi TBA Periti kienu lesti jaghmlu valutazzjoni gdida izda struzzjonijiet kellhom jaslulhom mill-*valuation committee.*

Fisser illi l-valutazzjoni li ghamlet TBA Periti kienet in linea ma` l-Art 1.6B a fol 25 ta` Dok JM1. Inoltre TBA mxiet ma` l-istruzzjonijiet tal-*valuation committee.*

Sostna li TBA Periti ma kienux negligenti fix-xoghol taghhom. Il-market value jvarja fis-sens li jista` jkun ir-replacement cost u jista` jkun l-mortgage cost. Il-market value ma jfissirx il-prezz tal-bejgh.

Ippreciza li TBA ma nghatatx benchmarks mill-*valuation committee.* Ghal kuntrarju, dawn il-benchmarks saru minn market research li ghamlet TBA. Li sar kien illi kienu meqjusa l-kirja fis-sehh u l-kirja potenzjali. Huma raw iz-zona, il-potenzjal taghha u sar kalkolu kapitali.

Dwar allegati zbalji da parti taghhom fil-kolonni u fil-hxuna tal-hajt, stqarr illi dawk kienu negligibbli u rrelevanti. F`zoni kummercjali, l-istorage huwa importanti daqs l-area fejn ser isir in-negozju. Il-fatt li ma hemmx permess ghall-ambjenti kollha mhuwiex relevanti ghall-valur kummercjali ta` l-Millennia izda dan jista` jkun relevanti ghal *mortgage value* (valur ghall-bank).

Ikkonferma li TBA rat il-permessi.

Qal illi TBA Periti tat piz ghall-elementi essenzjali ambjentali u ghal-limitazzjonijiet dwar l-uzu tal-bini kif stipulat mill-MEPA.

**<u>Av. Dr. Tonio Fenech</u>** xehed illi wara s-sentenza tal-Qorti ta` l-Appell huwa ma riedx jiehu *for granted* li kien ghad hemm il-mandat ghat-twettieq tal-inkariku fl-ambitu tal-*valuation committee* ladarba l-inkariku kien fondat fuq fiducja.

Stqarr illi huwa stenna sabiex jara x`inizjattiva kienu ser jiehdu l-partijiet.

Spjega li kien hemm korrispondenza ma` membru iehor tal-*valuation committee.* Huwa kiteb ittra fejn fisser illi kien evidenti mill-korrispondenza illi l-ahwa Mizzi kienu qed jistennew li jitkompla l-inkarigu. Madanakollu, huwa talab li jkun hemm konferma cara mill-ahwa Mizzi. Huwa kiteb li kien lest ikompli bix-xoghol fil-kumitat dment illi jithallsu l-mizati professjonali kollha, illi jkun hemm fondi bizzejjed biex jigu koperti mizati futuri, u illi l-membri tal-kumitat ma jsibux xkiel fit-tkomplija tal-inkariku.

Kompla jixhed illi sa dak iz-zmien kien ghadu qatt ma hareg kont peress li l-intenzjoni tieghu kien li jitkellem ma` l-ahwa Mizzi, izda kif sehhew l-affarijiet, huwa nduna li tali konversazzjoni ma kinitx ser tkun possibbli u ghalhekk hareg il-kont tieghu fl-ahhar ta` l-2012.

Qal illi l-membri l-ohra tal-*valuation committee* kienu lkoll lesti li jkomplu bix-xoghol.

Fisser illi Tonio Zarb ta` KPMG ghandu konstituzzjoni ta` debitu a favur tieghu. Qal illi huwa m`ghandux att simili favur tieghu u kien ghalhekk li huwa talab direttament lill-ahwa Mizzi biex jikkonfermaw li kienu lesti jhallsu l-mizati. Desmond Mizzi qal illi billi ma kienx ghadu hareg kont ma kienx f`qaghda li jikkonferma xejn, mentri Jovan Mizzi sostna li ma kienx fil-qaghda finanzjarja li jhallas mizati gholjin.

Fil-**<u>kontroezami</u>**, xehed illi fil-mod kif sehhew il-fatti deherlu li kien approprjat li jkollu konferma tal-fiducja fil-kumitat. Qal illi Desmond Mizzi pprezenta procediment legali li kien intiz li jara t-twettieq tad-decizjoni tal-kumitat minghajr il-mekkanizmu. Spjega li huwa qatt ma nghata konferma li huwa kien ghadu jgawdi l-fiducja ta` l-ahwa Mizzi. Fl-istess waqt ma kellu l-

ebda ordni jew struzzjoni biex ikompli bl-inkarigu tieghu. Huwa spjega li kieku l-partijiet kellhom jaghtuh l-opportunita` li jkompli bl-inkarigu, huwa ma setax iwarrab l-allegazzjonijiet li saru li kien hemm zbalji u ghalhekk kien ikollu jidhol fihom.

Xehed illi wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell, Desmond Mizzi qatt ma kkontesta l-*valuation distribution report* hlief ghall-mekkanizmu.

Sahaq illi l-imgieba taz-zewgt ahwa kienet tali illi dawn holqu dubju dwar jekk kienx ghad hemm fiducja.

Huwa sostna li dak li talab lill-partijiet sabiex jaghmlu kien illi jikkonfermaw li l-inkariku originali kien ghadu fis-sehh. Dik il-konferma baqghet ma waslitx.

Muri l-ittra a fol 127 tal-process tal-kawza bin-Nru 300/2012, huwa kkonferma li sad-data ta` dik l-ittra, ma kienx ghadu hareg il-kont tieghu. L-ittra kienet indirizzata lil KPMG u kien ghalhekk li huwa stieden lill-partijiet biex jesprimu ruhhom fil-konfront tieghu. Billi r-relazzzjoni kienet fiducjarja, dik il-fiducja setghet titnehha b`mod unilaterali. Ghalhekk agixxa b`dak il-mod.

Qal illi l-ftehim originali kien jindirizza varji metodi jew konsiderazzjonijiet li kellhom jitqiesu mneta l-kumitat jasal ghal decizjoni ; fost dawn kien hemm l-ekwita`.

## IV. <u>L-ewwel eccezzjoni</u>

Skont il-konvenuti, l-ewwel eccezzjoni hija fondata fuq il-pretensjoni illi l-iskrittura esebita bhala Dok A a fol 11 tal-process kienet iffirmata minn KPMG, mentri fil-kors tal-kawza, ma tressaq l-ebda dokument li juri li KPMG kienet tassew socjeta` civili, debitament kostitwita.

Abbazi tax-xiehda ta` Tonio Zarb, irrizulta li KPMG hi socjeta` civili li mhijiex registrata skont it-Tieni Skeda tal-Kap 16. Ghalhekk ma ghandhiex personalita` guridika. Kien ghalhekk li l-azzjoni odjerna kienet promossa

mill-membri kollha tad-ditta, ossija minn Joseph Schembri, Eric Muscat, Mark Bamber, David Caruana, Juanita Bencini, Anthony Pace, Andre Zarb, Pierre Portelli, Juanita Brockdorff, Hilary Galea Lauri, Noel Mizzi u Ray Azzopardi.

L-**Art 3(1) tat-Tieni Skeda tal-Kap 16** ighid :-

*Persuni guridici huma organizzazzjonijiet li jkollhom personalità guridika. Il-personalità guridika tinkiseb permezz tal-gharfien formali mill-Istat. L-gharfien mill-Istat jehtieg att specifiku ta` gharfien u l-ebda att amministrattiv iehor tal-Istat, fir-rigward ta` organizzazzjoni jew attività, ma jikkostitwixxi gharfien. Il-personalità guridika tinghata mar-registrazzjoni ta` organizzazzjoni fir-Registru Pubbliku skont l-artikolu 12 ta` din l-Iskeda.*

Tajjeb jinghad illi x-xiehda ta` Tonio Zarb ma kienet bl-ebda mod kontradetta.

Din il-Qorti ma ssib l-ebda raguni fondata fil-fatt u fid-dritt ghaliex ghandha twarrab ix-xiehda mhux kontradetta ta` Tonio Zarb.

**Ghalhekk qeghda tichad l-ewwel eccezzjoni.**

## V. It-tieni u r-raba` eccezzjonijiet

Fil-klawsola 4 tal-ftehim ta` Gunju 2005, jinghad illi :-

*"The Shareholders shall be jointly and severally liable towards the members of the valuation committee for the payment of such fees."*

Fil-klawsola 1 tal-ftehim ta` Jannar 2006, jinghad illi :-

*1.1 The Principal Debtors jointly and severally acknowledge that the amount of Lm 17,889 (seventeen thousand eight hundred and eighty-nine Maltese Liti) (hereinafter referred to as the Debt) is owing by them, in conjunction with other persons, to KPMG by way of consideration for the provision of services rendered by KPMG in terms of the letter of engagement dated 30 June 2005.*

*1.2 The Principal Debtors acknowledge and confirm that the Debt owing to KPMG is certain. Liquidated and due.*

*1.3 The Principal Debtors agree to be bound jointly and severally between them and that consequently any payment of any part of the Debt made by one of them or made by any one of the other persons to the afore-mentioned letter of engagementshall operate so as to release the others as against KPMG in respect of any amount/s so paid.*

Il-Qorti taghmel referenza ghall-**Art 115 tal-Kap 13** li jghid :-

*(1) Fl-obbligazzjonijiet kummercjali, hu preżunt, jekk ma jkunx hemm ftehim kuntrarju, li l-kondebituri huma obbligati in solidum.*

*(2) L-istess preżunzjoni tghodd ghall-garanti, ukoll jekk ma jkunx kummercjant, illi jaghmel tajjeb ghall-obbligazzjoni kummercjali.*

Dan premess, il-Qorti tqis li dawn iz-zewg eccezzjonijiet huma nfondati stante li r-responsabbilita` ghall-hlas hija solidali, u ghalhekk l-atturi setghu jmexxu kontra kull debitur jew garanti tad-debituri flimkien jew kontra uhud. Il-Qorti qeghda tifhem li l-frazi *with others* kienet inserita ghall-beneficcju tal-konvenuti stess sabiex dawn ikollhom jedd jirkupraw minghand Jovan Mizzi u/jew il-kumpannija tieghu sehem dawn mill-versament li jkun sar favur l-atturi.

**Ghalhekk qeghda tichad it-tieni u r-raba` eccezzjonijiet.**

## VI. It-tielet eccezzjoni

Kien eccepit illi t-talba attrici hija nfondata peress li fl-ewwel lok parti mis-servizzi moghtija minn KPMG twettqu mhux kif titlob is-sengha u l-arti, u fit-tieni lok peress illi x-xoghol baqa` mhux kompletat bil-konsegwenza li zdiedu d-danni.

### 1. Servizzi ezegwiti *in parte* mhux skont is-sengha u l-arti

Il-konvenuti jirreferu ghas-sentenza tal-Qorti ta\` l-Appell li permezz taghha kienu dikjarati nulli u bla effett l-Appendici, il-Mekkanizmu u l-Klawsoli 12, 13 u 14 tar-rapport tal-*valuation committee.* Kien spjegat illi d-decizjoni nghatat snin wara li hareg il-kont ta\` KPMG ; ghalhekk il-kont kien jinkludi x-xoghol kollu, inkluz dak relatat mal-Appendici u l-Mekkanizmu.

Fil-klawsola 21 tal-ftehim ta\` Gunju 2005 jinghad :-

*Each of Jovan Mizzi and Desmond Mizzi ... jointly and severally with the Company hereby covenant and agree to indemnify each member of the Valuation committee ... arising out of or in connection with this Agreement, the performance by the Valuation committee of its duties hereunder ... except to the extent that such loss, liability, damage, cost or expense shall have been caused by the Valuation committee\`s own wilful misconduct or gross negligence.*

Hekk ukoll fl-istess sens jinghad fil-*letter of engagement* ta\` KPMG (fol 5 et seq) :-

*... Mr Jovan Mizzi and Mr Desmond Mizzi will release and indemnify KPMG ... from any claims, liabilities ... relating to our services under this letter of engagement, except to the extent determined to have resulted from the deliberate misconduct or gross negligence of KPMG personnel.*

Ghaldaqstant huwa biss fil-kazi ta\` *gross negligence* jew *deliberate misconduct* li jista\` jkun hemm responsabbilita\` da parti tal-*Valuation committee.*

Dan premess, tajjeb jinghad illi fis-sentenza li tat il-Qorti ta\` l-Appell kienet eskluza kull responsabbilita da parti tal-*Valuation committee* ghad-danni fil-kaz tal-mekkanizmu li kien dikjarat bhala *ultra vires*. Fil-kawza l-Qorti kienet mitluba wkoll biex tiddikjara li kien hemm *gross negligence* jew *wilful misconduct* u danni rizultanti minn dak kollu li allegatament sar hazin. Issa fis-sentenza taghha, il-Qorti ta\` l-Appell, ghalkemm sabet illi l-mekkanizmu kien *ultra vires,* imbaghad cahdet it-talbiet l-ohra. Qalet :-

*"Ma jirrizultax pero' li l-membri jew xi hadd minnhom, agixxa b' negligenza kbira ("gross negligence") u/jew mgiba hazina. Ma giex muri li l-agir tal-kumitat kien rizultat ta' xi mgiba hazina. Il-prova ta' ultra vires mhix bizzejjed biex twassal ghall-konkluzzjoni li l-kumitat agixxa b' negligenza*

*kbira; il-membri agixxew kif hassew li kellhom jagixxu biex jaslu ghar-rizultat ekwu u gust. … Il-piz tal-prova ta' dan hu fuq l-attur u fil-fehma tal-Qorti ma saret ebda prova ta' wilful misconduct jew gross negligence."*

Fl-isfond ta` din id-decizjoni, din il-Qorti tghid illi ladarba kien finalment deciz li ma rrizulta l-ebda *gross negligence* jew *wilful misconduct,* bl-inkluzjoni tal-mekkanizmu fir-rapport, il-kwistjoni tieqaf hemm. Tajjeb jinghad ukoll illi l-Qorti tal-Appell ma attribwiet l-ebda responsabilita` lill-*valuation committee*, inkluza KPMG. Ghalhekk ma hemm l-ebda bazi sabiex ghar-raguni avvanzata mill-konvenuti jkun hemm riduzzjoni tal-ammont pretiz bhala hlas ghas-servizzi taghhom.

B`zieda ma` l-premess, ghalkemm huwa minnu li l-ftehim ta` Jannar 2006 kien iffirmat qabel ir-rilaxx tar-rapport tal-*valuation committee*, xorta jibqa` l-fatt li sakemm ma jkunx dikjarat null, il-ftehim jibqa` vinkolanti bejn il-firmatarji. Issa fil-ftehim kien indikat ammont likwidat u specifiku. Il-konvenuti fil-kawza tal-lum hadu r-responsabilita` tal-hlas ta` dak l-ammont. Ghalhekk ghandhom jeffettwaw il-hlas kif jistipola l-ftehim stess.

## 2. <u>Xoghol mhux kompletat u ghalhekk danni konsegwenzjali</u>

Fit-tieni parti ta` l-istess eccezzjoni, il-konvenuti jsostnu li l-iskrittura ta` Jannar 2006 taghmel referenza ghas-servizzi li kienu maqbula fl-ittra ta` ingagg ta` Gunju 2005, liema ittra tirreferi ghal xoghol li kellu jsir mill-*valuation committee.* Sar l-argument illi ladarba d-divizjoni kienet ghadha mhix kompletata, is-servizzi miftehma fl-ittra ta` l-ingagg kienu ghadhom mhux ipprovduti kif patwit.

Din il-Qorti tghid illi l-ftehim ta` Jannar 2006 kien jirreferi ghal somma stabbilita li sad-data ta` dak il-ftehim kienet pendenti u dovuta. Fil-ftehim kien indikat illi dik is-somma kienet tirraprezenta konsiderazzjoni ghall-provvista ta` servizzi minn KPMG skont l-ittra ta` ingagg ta` Gunju 2005. Madanakollu jekk is-servizzi gewx ikkompletati inkella le m`ghandu x`jaqsam xejn mal-kontenut ta` l-ftehim ta` Jannar 2006. Sa dik id-data, kienet dovuta s-somma ndikata, u l-konvenuti accettaw li jiffirmaw ftehim fejn ikkonfermaw li dak l-ammont specifiku kien dovut. Il-konvenuti kienu jafu wkoll illi wara li hareg ir-rapport tal-*valuation committee*, kien ghad jifdal xi jsir sabiex dak miftiehem fl-ittra ta` l-ingagg jigi kompletat, fosthom it-twettieq tar-rapport, liema mizuri kienu ser jinvolvu aktar spejjez. Mix-

xiehda ta` Tonio Zarb, irrizulta kjarament illi l-ammont kien ikopri biss dak dovut lil KPMG sas-26 ta` Jannar 2006 u li ovvjament ma kienx jikkomprendi hlasijiet ghal servizzi *ohra* rezi jew li ghad kellhom jigu rezi wara dik id-data.

**Ghalhekk il-Qorti qeghda <u>tichad</u> it-tielet eccezzjoni fl-intier taghha.**

## VII. <u>Il-hames eccezzjoni</u>

Kien eccepit illi l-kunsens ta` l-konvenuti kien karpit b`ghemil doluz da parti ta` Tonio Zarb u ta` KPMG.

Ir-reazzjoni tal-atturi ghall-vizzju tal-kunsens allegat fil-konfront taghhom ma setax *per via di eccezione* fil-mument li ntalbu jhallsu dak dovut minnhom.

Dwar il-kwistjoni jistax il-vizzju tal-kunsens ghar-raguni moghtija mill-konvenuti jigi sollevat per via di eccezione, il-Qorti mhijiex tal-istess fehma bhall-atturi.

Fis-sentenza ta` din il-Qorti (**<u>PA/RCP</u>**) tas-26 ta` April 2012 fil-kawza "**<u>Nicholas de Giorgio vs Vincent Paul Savona et</u>**" inghad :-

*Illi fis-sentenza "Avv. Nicolo` Delia vs Onorato Pisani proprio et nomine" (A.C. - 14 ta` Marzu 1930 - Vol. XXVII.i.883) nghad li "La nullita` che non e` espressamente comminata dalla legge e che non succede ipso jure si deve proporre per via di azione e non gia` per via di eccezione. Dalla regola di diritto quae temporalia sunt ad agendum perpetua ad excipiendum, canonizzata nell-articolo 934 dell`Ordinanza No. VII del 1868, non si puo` dedurre che qualunque specie di nullita` si possa proporre per via di eccezione".*

*Illi din l-interpretazzjoni tidher li kienet bdiet tigi addottata sa mis-seklu dsatax (ara per ezempju sentenza moghtija mill-Prim`Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet "Carmela Agius ed altri vs Dr. Francesco Frendo nomine ed altri" deciza fil-15 ta` Marzu 1876, Vol. VII.549). Pero` fil-kawza fl-ismijiet "P.L. Edoardo Frendo noe vs Antonio Chetcuti et" (K (WH) - 15 ta`*

*Jannar 1952 – Vol. XXXVI.iii.604) il-Qorti addottat fehma differenti fis-sens li meta debitur ma jridx jezegwixxi obbligazzjoni minhabba vizzju tal-kunsens (f`dak il-kaz inghata l-ezempju ta` zball dwar is-sustanza tal-haga jew frodi), din l-allegazzjoni tista` tingieb `il quddiem fl-istess kawza b`eccezzjoni u ma kienx hemm ghalfejn issir kawza separata.*

*Fil-kawza fl-ismijiet "Mario Mizzi nomine vs Mario Grech et nomine" (P.A. (PS) - 3 ta` Ottubru 2003) il-Qorti accettat l-ammissibilita` ta` eccezzjoni li l-kunsens fi ftehim ta` assigurazzjoni kien vizjat minhabba ghemil doluz meta l-attur ipprovda informazzjoni skorretta fi proposal form, u b`dan il-mod is-socjeta` konvenuta ma kelliex ghalfejn tistitwixxi proceduri ad hoc sabiex il-ftehim jigi rexiss.*

*Illi kif inghad fis-sentenza "Godfrey Aquilina noe vs Vincent Borg et" (P.A (AJM) - 10 ta` Marzu 1997 – Vol LXXXI.III.44), il-"kuntratti u konsegwentement l-obbligazzjonijiet naxxenti minnhom, jistghu jigu rexissi jekk jonqos xi wiehed jew izjed mill-elementi essenzjali mehtiega ghall-validita` ta` kuntratt u cioe` kapacita`, kunsens, oggett u kawza lecita".*

Din il-Qorti hija tal-fehma li tista` tinghata eccezzjoni ta` din ix-xorta u ghalhekk sejra tghaddi sabiex tqis il-mertu tal-eccezzjoni.

Il-konvenuti qeghdin jinvokaw l-eccezzjoni abbazi tal-Art 974 u 981 tal-Kap 16.

**L-Art 974 tal-Kap 16** jaqra :-

*Jekk il-kunsens ikun gie moghti bi zball, jew mehud bi vjolenza jew b`eghmiel doluz, ma jkunx jiswa.*

**L-Art 981 tal-Kap 16** ighid :-

*1. L-ghemil doluz huwa motiv ta` nullita ta` ftehim meta l-inganni maghmulin minn wahda mill-partijiet ikunu tali li minghajrhom il-parti l-ohra ma kinitx tikkuntratta.*

*2. L-ghemil doluz ma jistax jigi prezunt imma ghandu jigi ippruvat.*

Il-kunsens tal-persuna li tassumi obbligazzjoni huwa element vitali u essenzjali ghall-ezistenza ta` l-istess obbligazzjoni.

Fis-sentenza li tat fl-4 ta` Gunju 2010 fil-kawza "**Germani Mifsud et noe vs Bonnici**" il-Qorti tal-Appell Kummercjali qalet illi sabiex tirnexxi azzjoni dwar qerq, jehtieg li jigi ppruvat li jkun sar eghmil ta` tali natura li jqarraq anke b`persuna li tkun hadet il-pariri taghha u mxiet b`kawtela :-

*" ... e` mestiere osservare che ogni uomo savio e prudente, prima di fare una promessa, deve prendere le necessarie cautele estate dal proprio interesse, e se egli non le ha prese, la legge non gli deve ne` protezione ne` difesa `Leges vigilantibus prosunt` imperocche` se cosi non fosse, la stessa mala fede trarebbe profitto dalla facilita` di far rescindere le convenzioni, per esimersi dall` obbligo di rispettare I patti che sarebbero I piu` legittimi.....Se non e` stata impiegata una scaltrezza ed un artifizio riprovato dall` onore per cui anche un uomo accorto sarebbe caduto nel laccio tesogli, il tribunale non puo` ascoltare la voce di colui che non puo` la slealta` altrui senza gettare sopra se` stesso la taccia di spensierato ed imprudente, quando la sua cieca ed incompatible fiducia poteva molto facilmente essere istruita."*

Fis-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell fit-3 ta Dicembru 1919 fil-kawza "**Galea vs Zammit**" kienu senjalati l-principji kardinali dwar *dolo* fil-qasam civili :-

*"(1) il mantenimento dei contratti e` di interesse generale purche` e` principio di ordine pubblico; siffatto considerazjoni impone che nelle cause d` impugnazione di contratti per vizio di consenso si procede con massima circospezione perche` non si abbia ad annulare un` atto che dovrebbe rimanere in vigore ;*

*(2) I principi che regolano il dolo si devono applicare con maggior rigore quando trattasi di un atto a titolo gratuito che quando trattasi di un contratto a titolo oneroso ;*

*(3) a provare il dolo bastano gli indizi e le congetture purche` siano gravi e concordanti, si da generare la convinzione che la liberalita` o il contratto impugnato e` stato l` effetto di raggiri usati dall` altra parte o da terzi."*

Sabiex kuntratt ikun ivvizzjat b`qerq jehtieg li mhux biss issir il-prova tal-qerq izda ghandu jirrizulta wkoll dan kien determinanti ghall-volonta`

tal-parti mqarrqa (*dolus causam dans contractui*). Fis-sentenza "**Galea vs Bonnici**" riportata fil-Kollez Vol X pag 592 kien osservat illi : "*I raggiri usati da uno dei contraente sono stati tali che senza di essi l`altra parte non avrebbe contratto.*"

Fis-sentenza taghha tas-17 ta` Marzu 1958 fil-kawza "**Cassar Torreggiani vs Manche**" (Kollez Vol XLIIA.i.126) il-Qorti tal-Appell Appell irrimarkat illi l-ingann irid ikun il-kawza determinanti li tkun tat lok ghall-ftehim li ghaqqad in-negozju. Fl-istess waqt l-ingann irid ikun tali li jista` jaghmel impressjoni fuq bniedem sensat, u jkun jeccedi l-limiti tal-furberija tollerata fin-negozju. Ghalhekk wiehed ma jistax jipprexxindi mill-kondizzjoni personali tal-partijiet. Fil-qies tal-ingann, huwa mehtieg li wiehed jara c-cirkostanzi kollha li fihom ikun gie konkjuz in-negozju. Mill-banda l-ohra sakemm ma jkunx hemm dolo fil-veru sens, jew frodi,is-semplici tifhir tal-oggett u l-esagerazzjoni tal-valur intinseku tieghu, wehedhom, ordinarjament mhumiex hlief is-solita xorta ta` inkoraggiment li fin-negozju huwa tollerat bhala "*dolus bonus*", biex dak li jkun jkompli jsahhah il-volonta` tal-parti l-ohra biex tikkonkludi l-ftehim.

Fis-sentenza taghha tal-4 ta` Frar 1965 fil-kawza "**Mifsud noe vs Tanti**" din il-Qorti rrilevat illi sabiex il-qerq ikun gravi, irid ikun tali li persuna ta` dehen ordinarju ma jaghrafx li jkun gie mqarraq u jkun ghemil li jmur lil hinn minn ftahir esagerat dwar xi kwalita` tal-oggett tan-negozju, kif ukoll illi kieku ma kienx ghal dak il-qerq, ma kienx jidhol fin-negozju in kwistjoni.

Fis-sentenza fil-kawza "**Dimech vs Zimmermann Barbaro et**" (Appell Kummercjali - 7 ta` Dicembru 1935 – Kollez Vol XXIX.ii.832) inghad illi mhux kwalunkwe ngann ta` kontrajent wiehed ghad-dannu ta` l-iehor jammonta ghad-*dolo* rikjest mil-ligi bhala motiv ghall-annullabilita` ta` kuntratt. L-ingann irid ikun tali li ma jhallix lill-kontrajent ingannat il-kuxjenza ta` dak li kien qieghed jaghmel u l-indipendenza tal-kunsens tieghu; u tali wkoll li minghajru ma kienx jikkuntratta. Id-*dolo* jgib l-izball u dana jrid ikun invincibbli. (ara wkoll "**Farrugia Gay vs Farrugia Gay**" – 3 ta` Mejju 1921).

Tajjeb jinghad illi a tenur tal-Art 981(2) tal-Kap 16, id-*dolo* jew frodi ma jista` qatt ikun prezunt izda jrid jigi ppruvat minn min jallegah. Trid issir il-prova li parti tkun xjentement uzat raggiri frawdolenti u artifizji gravi (ara

"**Mifsud noe vs Tanti**" : 4 ta` Frar 1965 ; "**Galea vs Caruana Montaldo**" : 16 ta` Dicembru 1970 ; u "**Barbara vs Schembri**" : 16 ta` Gunju 1955).

Fid-decizjoni ta` din il-Qorti (**PA/TM**) tal-4 ta` Marzu 2004 fil-kawza "**Zammit noe et vs Fenech et**" fl-ismijiet **P.L. Joseph Zammit noe et vs Joseph Fenech et**, kien rimarkat illi l-qerq ma jistax jigi allegat meta l-fatti setghu jigu stabbiliti bla xkiel zejjed mill-parti li tallega l-qerq, ghaliex inkella xilja ta` qerq ma tkunx ghajr skuza facli biex wiehed jahrab milli jwettaq ir-rabtiet li jkun dahal ghalihom mal-persuna li allegatament uzat il-qerq. Fis-sentenza ghal sentenza moghtija fis-16 ta` Gunju 2003 fil-kawza "**Piscopo vs Filletti**" fejn kien inghad illi :-

*"Naturalment kif jghid il-Baudry, "nel valutare i fatti che lo costituiscono, dobbiamo chiederci se la persona che ha acconsentito fosse piu` o meno intelligente, se date le circostanze fosse piu` o meno facile ingannarla"; Dan ma jistax hlief ifisser illi mhux kwalsiasi ingann ta` kontraent wiehed ghad-dannu ta` l-iehor jammonta ghaddolo rikjest mil-ligi;.....Ma jistax jigi allegat frodi meta l-fatti kienu facilment accertabbli; ikun tassew facli kieku kellu jigi acettat illi bl-iskuza ta` l-allegata mala fede da parti ta` wiehed mill-kontraenti, l-kontraent l-iehor japprofitta ruhu biex jezimi ruhu mill-obbligu li ma jirrispettax il-pattijiet jew biex ihassar u jannulla ftehim konkjuz."*

Fid-decizjoni tat-13 ta` Frar 1946 fil-kawza "**Sciberras vs Zimmermann Barbaro**" (Kollez Vol XXXIIC.ii.223) il-Qorti tal-Appell Kummercjali ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet :-

*"Illi, kif josserva l-Baudry, l-annullabilita` ta` kuntratt bazata fuq ghemil doluz tissuponi wkoll l-izball li waqa` fih il-kontraent li jaghmel l-istanza ta` l-annullament minhabba l-ghemil doluz ta` l-iehor; imma b`din id-differenza, illi mentri l-izball, bhala motiv per se` indipendentement millghemil doluz, hemm bzonn li jaqa` fuq is-sustanza talhaga, invece l-izball effett tal-ghemil doluz ma hemmx bzonn li jaqa` fuq is-sustanza tal-haga (ara loc. Cit. Pg 160, para 117). L-istess jghid il-Laurent (Principi Dto.Civ. Vol.XV.p.463 para.522) bil-kliem '...... il dolo e` sufficiente anche quando l`errore che dal medesimo risulta non e` sostanziale'. "Illi kif josserva l-Laurent (loc.cit.para 524) `ogni vizio del consenso e` individuale e deve esere valutato dal punto di vista della persona che contratta. Il magistrato deve mettersi al posto di quella per determinare l`influenza che i fraudolenti raggiri hanno potuto esercitare sull`animo di lui ... '.L-istess ighid il-Planiol "Dol civil et dol criminal" no.37 ,pag.571, u l-Baudry, loc. cit. para.103, bil-kliem :- 'Per conseguenza, nel valutare i fatti che lo costituiscono, dobbiamo*

*chiederci se la persona che ha acconsentito fosse piu` o meno intelligente, se date le circostanze fosse piu` o meno facile ingannarla'.*

*Illi r-ricerka jekk l-ghemil doluz kienx kif ghall-finijiet ta` din l-azzjoni hemm bzonn li jkun, jigifieri determinanti, hija wahda ta` fatt, li ghandha tigi meqjusa fic-cirkustanzi partikolari ta` kull kaz. Id-distinzjoni antika bejn ghemil doluz `causam dans contractui` u ghemil doluz `incidens in contractum` hija ormai skartata in vista tal-lokazzjoni tal-ligi. Il-Laurent jikkritikaha (loc.cit.para. 523, pg 464). Ir-Ricci hu ferm car fuq dan il-punt, u fil-komment tieghu ghall-artikolu korrispondenti tal-Kodici Taljan, li hu identiku ghal dak Malti, jghid hekk :-*

*'Perche` il dolo produca la nullita` del contratto deve esere tale che senza di esso non avrebbe avuto luogo il contratto. Questo criterio, adottato dal nostro legislatore ha bandito dal diritto patrio le sottili distinzioni che la scuola faceva tra dolo positivo e negativo, tra dolo principale e incidente. Al giudice chiamato ad applicare l`articolo 1115 poco deve interessare se il dolo siasi posto in essere con atti positivio negativi, se esso abbia avuto luogo prima di iniziare le trattative del contratto durante il corso delle medesime, o se l`inganno sia caduto su cio` che e` principale, ovvero su quello che e` accessorio; una sola indagine esso e` chiamato a fare, e questa consiste nel vedere se, ove dolo non vi fosse stato, la parte ingannata avrebbe oppur no conchiuso il contratto …'*

(ara wkoll : 14 ta` Ottubru 2004 : **PA/TM** : "**Transcontinental Properties Limited vs European School of English Limited**" ; 28 ta` Lulju 2004 : **PA/JRM** : "**Portelli vs Felice**" ; u 20 ta` Marzu 2003 : **PA/TM** : "**Aquilina vs Ellul**")

Fil-kaz tal-lum, jinghad mill-konvenuti illi Desmond Mizzi ma kien qatt jiffirma l-kostituzzjoni ta` debitu li kieku kien jaf li l-iskema kif proposta kienet sejra twasslu ghas-sitwazzjoni li jinsab fiha llum, u li Tonio Zarb u KPMG ma kinux ser ikomplu bl-inkariku billi jipprocedu ghall-qasma. Jinghad illi l-*valuation committee* kien jaf sew x`kien il-kontenut ta` l-iskema qabel insista li l-konvenuti jiffirmaw l-iskrittura tas-26 ta` Jannar 2006. Inoltre kien allegat illi kienu jafu tajjeb bizzejjed li bl-inkluzjoni tal-*Property Disposal Mechanism*, l-iskema ta` divizjoni ma kinitx se twassal ghal divizjoni tan-negozju fi zmien qasir u li l-konvenuti kienu qed jistennew li l-iskema ta` divizjoni tkun fil-parametri li l-ahwa Mizzi taw lill-*valuation committee.* Ghalhekk kien allegat illi l-konvenuti ffirmaw propju ghaliex kellhom impressjoni zbaljata ferm dwar x`kien il-kontenut ta` l-iskema u x`kien ser jigri wara l-firma tal-iskrittura.

Din il-Qorti tqis illi skont l-ittra ta` l-ingagg, il-hlas kellu jsir qabel il-firma u presentata tar-rapport :-

*"As is normal in such circumstances, we shall not sign off on the final valuation report of the Valuation committee unless our fees have been paid in full, whether by each party in its share or by one party alone in full."*

Abbazi tax-xiehda rrizulta li meta Joseph Tabone kien infurmat li kien dovut il-hlas sabiex ikun rilaxxjat ir-rapport, huwa talab li ssir koncessjoni fis-sens li jinghata aktar zmien sabiex isir il-hlas. Fil-fatt kien ippropona li jkun hemm ftehim sabiex ikun jista` jigi rilaxxjat ir-rapport. Kien anke baghat email lill-ahwa Mizzi sabiex jitlobhom jaghmlu l-kostituzzjoni ta` debitu.

Din il-Qorti tqis li KPMG ma kinitx obbligata taccetta dik il-proposta. Anke fil-kaz tal-hatra ta` periti gudizzjarji l-ligi stess tesigi li qabel jinfetah rapport peritali l-ewwel ghandu jsir il-hlas tad-drittijiet tal-perit ; meta jsir diversament dik tkun biss koncessjoni tal-perit innifsu. Fil-kaz tal-lum meta l-atturi accettaw li jithallsu aktar `il quddiem fiz-zmien u xorta jirrilaxxjaw ir-rapport, huwa evidenti li bil-koncessjoni li kienu qeghdin jaghmlu ma kienux qeghdin janticipaw illi sabiex jithallsu dak li kien haqqhom kienu se jkunu kostretti jaghmlu din il-kawza u jigi rinfaccjati propju b`eccezzjoni ta` din ix-xorta, apparti l-eccezzjonijiet l-ohra.

Din il-Qorti ma ssibx li l-konvenuti ppruvaw l-allegazzjoni li hija l-bazi tal-eccezzjoni. Lanqas ghamlu l-prova tal-elementi li skont il-gurisprudenza estensiva fuq citata iwasslu ghall-allegat vizzju tal-kunsens.

L-argument tal-konvenuti li r-rapport ma wassalx ghad-divizjoni, u li kieku kienu jafu l-kontenut, u bis-sitwazzjoni li ser jispiccaw fiha, ma kienux sejrin jiffirmaw il-kostituzzjoni ta` debitu certament mhuwiex ta` sostenn ghall-posizzjoni tal-konvenuti. Dan qed jinghad ghaliex dak illi l-konvenuti kellhom jippruvaw kien illi sabiex saret il-kostituzzjoni ta` debitu sar uzu effettiv ta` mezzi jew ta` atti qarrieqa u li KPMG kellha l-intenzjoni li tqarraq bil-konvenuti. Minn dan kollu ma rrizulta ppruvat xejn. Li kieku tassew KPMG kellha xi ntenzjoni tqarraq bil-konvenuti, li ma rrizultax li huwa l-kaz, kienet tibqa` tinsisti li tithallas tar-rapport qabel isir accessibbli ghall-partijiet, mhux taghmel il-maqlub u cioe` tippermetti r-rilaxx tar-rapport qabel tithallas.

Lanqas ma tista` taccetta l-argument ta` l-konvenuti li l-*valuation committee* inkluz l-KPMG kienu konsapevoli li bl-inkluzjoni tal-mekkanizmu, l-iskema ta` divizjoni ma kinitx sejra twassal ghad-divizjoni tan-negozju fi zmien qasir. Fil-fatt KPMG u l-membri l-ohra tal-*valuation committee* ppreparaw rapport b`mekkanizmu li fil-fehma taghhom kellu jigi inkluz. Il-fatt li mbaghad il-Qorti ta` l-Appell dehrilha li kellha tiddikjara l-mekkanizmu bhala *ultra vires* certament ghal din il-Qorti mhuwiex prova li KPMG ghamlet ingann jew adoperat mezzi qarrieqa kontra l-konvenuti sabiex tithallas.

Fil-kawza tal-lum it-talba attrici kienet hlas ta` servizzi skont skrittura li l-konvenuti accettaw u ffirmaw.

Il-konvenuti ma jistghux jippretendu li jistghu jaharbu mir-responsabilita` ghall-hlas ghaliex ma kisbux sodisfazzjon shih bl-esitu tar-rapport.

**Ghalhekk il-Qorti qeghda <u>tichad</u> il-hames eccezzjoni.**

**VIII. <u>It-talbiet attrici</u>**

Skont il-ftehim tas-26 ta` Jannar 2006, kif ukoll abbazi tax-xiehda prodotta, jirrizulta li l-konvenuti kkostitwew ruhhom bhala debituri tal-atturi fl-ammont ta` Lm 17,889 ekwivalenti ghal €41,670.16c. A tenur tal-klawsola 2.1. tal-ftehim, il-hlas kellu jsir sa zmien sitt xhur mid-data ta` l-ftehim (*The Principal Debtors jointly and severally agree and undertake to effect payment of the Debt in full and final settlement within a period of six (6) months from the date of the Agreement).* Irrizulta li wara li ghaddew is-sitt xhur, il-hlas baqa` ma sarx tant li kienet ipprezentata ittra ufficjali fit-2 ta` Gunju 2010 (fol 15) fejn saret interpellazzjoni ghall-hlas. Cio` nonostante, il-hlas baqa` ma sarx. Billi l-Qorti cahdet l-eccezzjonijiet kollha li gabu l-konvenuti fil-kawza tal-lum sabiex il-hlas ma jsirx, kif ukoll billi saret il-prova tat-talbiet mill-atturi sal-grad rikjest mil-ligi, il-Qorti sejra tilqa` t-tieni u t-tielet talbiet attrici.

## IX. L-imghax

Fil-ftehim tas-26 ta` Jannar 2006 jinghad illi :-

*3.1 In the event that the Principal Debtors fail to effect payment of the Debt, in whole or in part, within the time period stipulated under clause 2.1 above, legal interest at the then current rate shall commence to run immediately upon the lapse of the said period and be added to the amount of the Debt remaining unpaid at such time.*

Fis-sentenza ta` din il-Qorti (**PA/JRM**) tat-3 ta` Ottubru 2002 fil-kawza "**Muscat et vs Radmilli et**" kien stabbilit illi fil-kaz li d-dejn kien ta` natura kummercjali, *"jekk wiehed iqis li l-obbligazzjoni mehuda mill-imharrkin kienet wahda ta` natura kummercjali, allura jista` jinghad ukoll li limghaxijiet jibdew jghaddu ipso jure bla htiega ta` talba ghalihom b`att gudizzjarju, u b`effett minn dak inhar li l-obbligazzjoni kellha titwettaq"*. Fil-kaz tal-lum, billi tirrizulta klawsola specifika dwar id-dekors ta` l-imghax, il-Qorti sejra takkorda t-talba tal-atturi kif dedotta.

## Decide

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi, filwaqt illi qeghda tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti, qeghda tilqa` t-tieni u t-tielet talbiet tal-atturi, bl-imghax legali kif mitlub, u bl-ispejjez kollha ghall-konvenuti.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**